MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 34/2013

Il-Pulizija
(Spettur Sandra Zammit)
vs
**David Agius**
iben Carmelo, imwieled Zabbar fil-21 ta' Frar, 1983,
detentur tal-karta ta' l-identita' numru 243953(M)
**Nazzareno Cauchi**
iben Luigi, imwieled Attard fit-12 ta' Awwissu, 1943,
detentur tal-karta ta' l-identita' numru 518543(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti David Agius u kontra l-appellanti Nazzareno Cauchi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'Marsalite Limited' (C338) b'indirizz registrat 'Jablo Buildings', Industrial Estate, Marsa, Malta u/jew

bhala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi dovuti ghall-perjodu bejn it-19 ta' Dicembru 2009, u l-21 ta' Jannar, 2010 ammontanti ghal €947.65, naqsu li jhallsu l-bonus statutorju ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-21 ta' Jannar, 2010, ammontanti ghal €15.54, naqsu li jhallsu l-weekly allowance dovut ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2009 u il-21 ta' Jannar, 2010, ammontanti ghal €74.56, naqsu li jhallsu l-vacation leave dovut ghall- perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2010 sal-21 ta' Jannar 2010, ammontanti ghal €72.36 u naqsu li jhallsu n-notice dovut ghall-perijodu bejn it-22 ta' Jannar, 2010 u l-25 ta' Marzu, 2010, ammontanti ghal €1,796.49 li b'kollox jammontaw ghal elfejn, disgha mija u sitt Ewro u sittin centesimu,(€2,906.60) u li kienu dovuti lill-ex-impjegat tas-socjeta' kummercjali hawn fuq imsemmija, u cioe' lil Saviour Attard, fil-21 ta' Jannar, 2010, meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Ghaldaqstant il-Qorti kienet mitluba bir-rispett sabiex tordna lill-imputati ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, sabiex ihallsu l-penali skont il-Ligi, u kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li jhallsu lil Saviour Attard l-ammont ta' elfejn, disgha mija u sit Euro u sittin centesimu (€2, 906. 60) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Jannar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati David Agius u Nazzareno Cauchi hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberathom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sena (1) milum u bil-kundizzjoni li sa zmien tmien (8) xhur millum ihallsu lil Saviour Attard s-somma ta' elfejn, disgha mija u sit Euro u sittin centesimu (€2, 906. 60).

Rat ir-rikors tal-appellant David Agius tal-1 ta' Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha thassar, tikancella u tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex jigi trattat il-kaz skont il-Ligi u b'hekk ma jittifisx il-beneficcju tad-doppio esame oltre li jigi mtenni l-principju fi kliem Lord Chief Justice Hewart *"it is not merely of some importance, but is of fundamental importance that justice should not only be done, but should manifestly and undoubtedly be seen to be done",*

Rat ir-rikors tal-appellant Nazzareno Cauchi tal-4 ta' Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-scntenza appellata u cioe' dik ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar tas-sena 2013 fl-ismijiet hawn fuq premessi. Tilliberah mill-akkuza migjuba kontrih kif ukoll minn kull piena u htija skont il-ligi. Alternattivament tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant tnaqqas l-ammont dovut ghall-hlas billi tnehhi l-ammont illi jikkorrispondi ghal-perjodu tan-notice.

Rat l-aggravji tal-appellant David Agius u cioe':-

1. Dritt Ghal Smiegh Xieraq

Illi l-iter tal-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kien tali li b'konsegwenza taghhom l-appellant gie pprivat mid-dritt sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jghid hekk:

(*1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tai-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-*

*interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

*(2) "Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi"*

*(3) "Kull min hu akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:-*
*a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza kontra tieghu;*
*b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;*
*c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess, jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;*
*d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur tieghu taht l-istess kondizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;*
*e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa wzata fil- Qorti."*

Illi kif espost l-appellant gie pprivat mid-dritt li jressaq il-provi tieghu sabiex jiddefendi ruhu skont il-Ligi mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi inoltre waqt li l-akkuzat kien sprovvist mill-assistenza legali huwa ntalab mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk kien ser jiddeponi u ovvjament l-appellant irrifjuta stante li ma kienx debitament assistit.

Illi l-fatti rilevanti ghal dan l-aggravju jirrizultaw b'mod lampanti mill-atti processwali u hawn taht ser jigu esposti dawn il-fatti ghal finijiet ta' dan l-appell.

Illi sal-udjenza tal-15 ta' Mejju 2012 l-prosekuzzjoni kienet ghada qed tressaq il-provi taghha quddiem l-Ewwel

Onorabbli Qorti u fl-udjenza sussegwenti kellhom jinbdew jinstemghu l- provi tad-difiza.

Illi meta fl-imsemmija udjenza tal-15 ta' Mejju 2012 l-Ewwel Onorabbli Qorti ndikat illi l- udjenza li tmis kienet ser tinzamm fl-24 ta' Lulju 2012 l-appellant tramite l-avukat tieghu nforma lill-Ewwel Onorabbli Qorti li fl-imsemmija data, cioe' fl-24 ta' Lulju 2012, huwa kien ser ikun imsiefer. Fil-fatt l-appellant informa lill-Ewwel Onorabbli Qorti illi f'Jannar tal- istess sena huwa u l-membri tal-familja tieghu kienu pprenotaw btala familjari gewwa EuroDisney, Parigi bejn l-20 ta' Lulju 2012 u s-27 ta' Lulju 2012 u konsegwentement fid-data li kienet qed tigi indikata bhala d-differiment, u cioe' 1-24 ta' Lulju 2012, huwa ma kienx ser ikun jista' jattendi u konsegwentement talab li tinghata data ohra ghas-smiegh tal-kawza.

Illi kif espost quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-btala familjari kienet organizzata bhala rigal ghan-neputijiet konness mac-celebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina u ma kienx possibbli ghall-appellant li jikkancella dina l-btala minghajr konsegwenzi finanzjarji.

Illi din it-talba giet michuda minn l-Ewwel Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet indikati fl-istess verbal, izda rrizulta li effetivament l-Ewwel Onorabbli Qorti kif presjeduta baqghet fil-fatt tisma' l-istess kawza u effetivament saret seduta ohra sussegwentement.

Illi fl-24 ta' Lulju 2012 l-appellant ma deherx ghall-udjenza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u dana stante li kif gia' espost huwa kien jinsab imsiefer b'liema fatt kien gia' nforma lill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi ghal dan in-nuqqas da parti tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati ta' disprezz u imponiet fuqu multa u dana nonostante li huwa kien gia' ssottometta xhur qabel li huwa ma setghax jattendi ghas-smiegh tal-kawza fl-24 ta' Lulju 2012.
Illi l-appellant hass illi huwa gie ppenalizzat ingustament u dana stante li ma jidher li kien hemm ebda raguni ghaliex s-smiegh tal-kawza ma setghax isir f'gurnata ohra u mhux

fl-24 ta' Lulju 2012, meta huwa kien ilhu li kkonferma l-btala tieghu minn Jannar 2012 u informa b'dan il-fatt lill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2012. Il-fehma tieghu hija aktar imsahha mill-fatt illi effetivament l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt zammet seduta ohra in konnessjoni ma' din il-kawza fil-25 ta' Ottubru 2012 u kien hemm seduta ohra ffissata ghall-24 ta' Jannar 2013, u ghalhekk certament li kien hemm seduti ohra ghad-dispozizzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li fiha setghet tinstema l-kawza odjerna flimkien ma' kawzi ohra tal-istess natura.

Illi jirrizulta illi ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 l-appellant ma giex debitament notifikat u huwa sar jaf bl-istess udjenza tramite l-ko-akkuzat tieghu.

Illi huwa deher quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-25 ta' Ottubru 2012, izda kien sprovvist minn avukat u dana stante li l-avukat ta' fiducja tieghu kien jinsab indispost fl-imsemmija data.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex tkompli bl-ismiegh tal-kawza fil-25 ta' Ottubru 2012 u iddiferiet il-kawza ghall-24 ta' Jannar 2013 ghas-sentenza u dan meta l-appellant kien sprovvist minn avukat u kif ukoll meta l-appellant ma kienx ghadhu ressaq il-provi tieghu in difeza. Ghal korrettezza jigi rilevat illi f'dawn il-proceduri anqas l-akkuzat ma xehed u dan stante li fil-25 ta' Ottubru 2012 huwa ma riedx jixhed minghajr ma jkun assitit minn avukat.

Illi b'konsegwenza l-appellant gie f'pozizzjoni li ma ressaqx id-difiza tieghu sabiex jirribatti l-akkuzi migjuba kontra tieghu, kif del resto ghandu dritt li jaghmel skont il-Ligi.

Illi l-appellant intavola l-opportun rikors quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li permezz tieghu, wara l-espona l-fatti hawn fuq imsemmija, talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirrevoka u thassar il-multi imposti fuqu fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2012 b'konsegwenza tan-nuqqas tieghu li jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti u tissospendi

l-prolazzjoni tas-sentenza u takkorda lill-appellant seduta jew seduti sufficjenti sabiex huwa jressaq il-provi tieghu sabiex jiddefendi ruhu skont il-Ligi bl-assistenza tal-avukat ta' fiducja tieghu, liema talba giet michuda mill-Ewwel Onorabbli Qorti.
Fil-kaz in ezami nholqot procedural unfairness in vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq bil- fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet lill-appellant mill-opportunita li jiddefendi ruhu skont il-Ligi bl-assistenza ta' avukat.

Hu principju ben assodat fil-gurisprudenza nostrana li s-smiegh tal-kawza jrid ikun ukoll wiehed xieraq, biex jigu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali. Biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma jekk, fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza.

Huwa ukoll ribadit illi li f'kazijiet bhal dawn "*even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire, and above all in the parties to the proceedings".* (Dakatras).

Fir-rigward tar-rekwizit ta' smigh xieraq, hi ormai gurisprudenza pacifika li "biex jigi determinat jekk f'kaz pariikolari kienx hemm jew le dan ir-rekwizit, wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita' taghhom. Kif jispjegaw l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (Butterworths (London) 1995), *"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole."* (p. 202).

U fl-istess vena, van Dijk u van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights

(Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw il-punt hekk: *"When is a hearing "fair"? In the Kraska Case 2 the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: " ... to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision." However, the Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ."* (pp. 428-429)".

Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu / tkun bizzejjed biex Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm "smiegh xieraq", (P.A. - Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et. - 28 ta' Dicembru 2001).

Illi f'dan il-kuntest wiehed ghandhu ukoll jezamina l-principju maghruf bhala "equality of arms" li gie definit mill-Qorti Ewropea fis-sentenza Kaufman vs Belgium fl-1986 b'dana l-mod: "*Equality of arms means when a person has a reasonable opportunity of presenting his case under conditions which do not place him at substantial disadvantage vis-a-vis the opponent."*
Huwa daqstant iehor inkonfutabbli li d-dritt ghas-smigh xieraq u il-facilita' li, fid-difiza tal- kaz tieghu, persuna ghandha jkollha rapprezentanza legali adegwat u effettiva u dana, anke wkoll, sabiex jigi osservat il-principju

kostituzzjonali u konvenzjonali ta' l-"equality of arms". (Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija -vs- Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et, 5 ta' April 1989).

Illi mill-atti proceswali jirrizulta b'mod car illi d-drittijiet fondamentali tal-appellant kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew lezi b'mod lampanti u dan ghar-ragunijiet fuq esposti fosthom li gie mcahhad li jressaq il-provi tieghu sabiex jiddefendi ruhu u kif ukoll fin-nuqqas ta' assistenza legali. Inoltre, inholqot procedural unfairness meta ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet debitament u tempistivament infurmata bl-impossibilita li l-appellant jattendi ghas- seduta fl-24 ta' Lulju 2012 xorta wahda saret is-seduta fl-imsemmija data u ghall-assenza tieghu gie kkundannat multa.
Illi konsegwentement s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti datat 24 ta' Jannar 2013 hawn appellata ghandha tithassar u tigi revokata.

Rat l-aggravji tal-appellant Nazzareno Cauchi u cioe':-

(1) Illi meta giet zgumbrata l-fabbrika mill-Malta Industrial Parks u inqabdu d-dokumentazzjoni dwar il-kontabilita’ tas-socjeta’ u din sal-lum baqghet ma nghatatx lura lid-Diretturi tas-socjeta’ u minkejja li tressqu r-raprezentanti tal-Malta Industrial Parks dawn ma pproducewx tali dokumentazzjoni, u ghalhekk l-appellant ghadu sal-lum mhuwiex f’pozizzjoni li jikkonferma jekk il-kalkolazzjonijiet prezentati mid-Dipartiment ghall-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali u l-impjegati humiex realment korretti, u ghalhekk l-appellant jiddikjara li gie mcahhad milli jipprezenta difiza xierqa liema fatt jikser d-drittijiet bazici tal-appellant.

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi l-fabbrika nghalqet minghajr pre-avviz minkejja d-diversi weghdied tal-Gvern li ser tinstab soluzzjoni. kif gie spjegat aktar 'l fuq irrenda lill-appellant f’sitwazzjoni ta’ natura gravi, eccezzjonali u indipendenti mill-volonta’ tieghu li gabuh fl-impossibilita’ kemm li titkompla l-attivita’ tas-socjeta’ u kemm li jimpedixxi l-ghemil tar-reat, u li jigu tali

decizjonijiet biex l-impjegati jinghataw s-senzja f'waqtha, li kien jirriduci l-ammont dovut lilhom b'mod konsiderevoli.

(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant ipprezenta xi kalkolazzjonijiet bazici li prova jigbor mill-memorja liema kalkolazzjonijiet juru li s-somma ndikata fit-tahrika ma jistax ikun li tikkorrispondi ghas-somma reali dovuta lill-impjegat u l-esponent isostni li legalment in vista tad-differenzi fl-ammont pretizi l-Qorti ma ghandha ebda alternattiva hlief li tillibera ghas-semplici raguni li l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax.

(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll illi s-somma ndikata fit-tahrika mhix legalment dovuta fl-intier taghha peress illi l-ammont pretiz jinkludi notice money, liema notice ma seta' qatt jinghata mill-appellant ghaliex fattwalment l-operazzjonijiet tas-socjeta' li taghha kien Direttur gew imwaqqfa minn terzi dak in-nhar li gew zgumbrati mill-fabbrika u dan totalment minghajr ebda tip ta' kontroll da parti tal-esponenti, u li ghalhekk ma ghandux isofri l-appellant li jhallas personalment tali notice meta hu fil-vesti ta' direttur ma kellhu ebda konjizzjoni ta' dak li kien ser isehh. Din hija sitwazzjoni ta' forced closure li affettwat lis-socjeta' u ghalhekk id-Direttur ma ghandux jinstab hati personalment responsabbli ghan-notice money meta tali notice ma setghetx tinghata.

(5) Illi huwa car illi filwaqt li qabel bl-izgumbrament tal-fabbrika d-Diretturi kellhom tama li s-socjeta' setghet tirpilja, fil-mument li ttiehdet il-fabbrika s-socjeta' giet f'pozizzjoni li ma kellha ebda prospetti ta' dhul finanzjarju u li ghalhekk, in vista tad-dejn konsiderevoli li kien hemm din giet f'sitwazzioni legali ta' falliment, u li ghalhekk minn dak il-mument 'l quddiem it-triq tal-kredituri nkluz l-impjegati, kienet illi jitolbu l-istralcjar tas-socjeta' u jsegwu tali mezzi li jaghtihom il-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta biex jirkupraw dak li kellhom jiehdu, u mhux jipprocedu kontra d-diretturi personalment sakemm ma jigix pruvat xi forma ta' negozju frawdolenti jew negozju hazin min-naha tad-diretturi.

(6) Bhala Direttur huwa ghamel dak kollu li kien fil-kapacita’ tieghu sabiex jissalvagwardja l-pozizzjoni tal-impjegati. Tul iz-zmien li fih huwa kien Direttur, l-appellant ezercita d-diligenza kollha mistennija minnu skont il-ligi sabiex jimpedixxu l-ghemil tar-reat. Kif jirrizulta mill-atti tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, l-istess impjegat kien gie infurmat bil-problemi finanzjarji tas-socjeta’ izda minn jeddu kien iddecida li jibqa' jahdem, konxju tal-problemi ta' likwidita’. Ta’ rilevanza huwa l-fatt illi diversi impjegati stqarrew li ma kienux fehmu illi ser jipprocedu kriminalment kontra l-esponent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata taz-zewg appellanti ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda zewg appelli separati minghand kull wiehed mill-appellanti. L-appell ta’ Nazzareno Cauchi jirrigwarda l-meritu ta’ dan il-kaz. Min-naha l-ohra l-appell ta’ David Agius jirrigwarda l-fatt li hu ma nghatax smiegh xieraq mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ser tghaddi biex tgharbel l-appell ta’ David Agius u jekk jirnexxi ma jkunx hemm bzonn li ssir analizi tat-tieni appell, jigifieri dak ta’ Nazzareno Cauchi.

Illi mill-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Mejju, 2012 jirrizulta li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ma kellhix provi ohra xi tressaq. Ghalhekk, fis-seduta sussegwenti kellhom jibdew il-provi tad-difiza. Dak in-nhar l-ewwel Qorti ddiferit il-kawza ghall-provi tad-difiza u ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta tal-24 ta’ Lulju, 2012. Dak il-hin stess, seduta stante, kif jirrizulta mill-verbal a fol. 21 tal-process l-avukat tal-appellant David Agius gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghal fatt li l-kljent tieghu ser ikun imsiefer fuq btala li kienet ibbukkjata zmien qabel dik is-seduta. Ghalhekk, hu

talab lill-Qorti biex tiffissa seduta ohra meta l-klijent tieghu seta' ikun prezenti u iressaq il-provi tieghu.

Illi dak in-nhar l-Qorti verbalizzat testwalment:
*" Il-Qorti, filwaqt li tirrileva li qed jinghata pre-avviz aktar minn sufficjenti, tirrileva li din il-Qorti kif diversament presjeduta giet assenjata doveri ohra u mhux se tibqa' tippresjedi s-seduta tad-DIER u din hija l-ahhar seduta disponibbli [a]ffissata ghal dawn il-kawzi u tinsab fl-impossibilita' li talloka data ohra minhabba d-doveri li gew assenjati lilha".*

Illi ghas-seduta tal-24 ta' Lulju, 2012 l-appellant David Agius ma deherx. Il-Qorti, kif presjeduta originarjament, sabitu hati ta' disprezz u ordnat li ghas-seduta li jmiss jitressaq permezz ta' mandat ta' arrest.

Illi hawnhekk, ghandu jigi rilevat li l-avukat ta' l-appellanti naqas fid-doveri tieghu bhala ufficjal tal-Qorti. Dan qed jinghad ghaliex la kien jaf li l-Qorti kienet cahdet it-talba tal-klijent tieghu ghas-safar u madankollu l-appellant David Agius ghazel li jsiefer l-istess, ghall-inqas kellu jkun prezenti biex jittutela l-interssi tal-klijent tieghu. Mhux jaghzel it-triq ta' konfrontazzjoni mal-Qorti bin-nuqqas tal-prezenza tieghu. Dak in-nhar il-kawza kienet giet differita ghall-25 ta' Ottubru, 2012 fid-9.00 a.m.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012 deher l-appellant David Agius li nforma li l-avukat tieghu kien indispost. Il-Qorti staqsiet lill-appellant jekk irid jixhed u gie verbalizzat li David Agius *"qed jaghzel li ma jixhidx fl-assenza ta' l-Avukat tieghu".*

Il-verbal ta' dik is-seduta jkompli hekk:
*"Il-Qorti tiddikjara l-provi tad-difiza bhala maghluqa ghar-ragunijiet indikati aktar 'il fuq f'dan il-verbal u ghalhekk din hija t-tieni darba li l-kawza giet differita ghal konkluzjoni provi difiza u trattazzjoni finali, u tirrileva li dawn il-kawzi huma ta' natura sommarja li gew mtawla inutilment mid-Difiza.*
*Il-Qorti tikkoncedi lill-Prosekuzzjoni tliet gimghat millum sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u d-*

*Difiza ghandha xahar u nofs zmien millum biex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha.*
*…omissis.*
*Il-kawza differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Jannar, 2013 fid-9.00 a.m."*

Illi l-Prosekuzzjoni u l-appellant Nazzareno Cauchi ezebew in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom fit-13 ta' Novembru, 2012 u fid-29 ta' Novembru, 2012, rispettivament.

Illi fil-5 ta' Dicembru, 2012 l-appellant David Agius ipprezenta rikors permezz tal-avukat tieghu fejn talab li l-ewwel Qorti tirevoka u thassar il-multi mposti fuqu (ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti) u fit-tieni lok tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u takkorda lir-rikorrent seduta jew seduti biex ikun jjista' jressaq il-provi tieghu.

Illi b'digriet tas-6 ta' Dicembru, 2012 il-Qorti cahdet it-talba ta' David Agius.

Illi l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fl-24 ta' Jannar, 2013.

Illi mill-verbali ta' din il-kawza jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet taht l-impressjoni li kellha taghlaq il-kawza mill-aktar fis ghaliex din l-kawza setghet tispicca quddiem Qorti ohra diversament presjeduta. Fil-fatt, dan ma jidhirx li kien il-kaz ghaliex il-Qorti kif originarjament presjeduta spiccat li enunzjat hi stess is-sentenza meritu ta' dan l-appell.

Illi hi prassi assodata ta' dawn il-Qrati li l-imputat ghandu jinghata l-opportunita' li jkun dejjem assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu tul l-iter tal-kawza. Kif inghat aktar 'il fuq l-appellant ghazel li ma joffriex ix-xhieda tieghu ghaliex l-avukat tieghu ma kienx prezenti. L-appellant kien informa l-Qorti li l-avukat qallu li kien indispost u ghalhekk informa l-Qorti b'dak li kien jaf. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-avukat kien ikun aktar korrett mal-Qorti li jinformha ta' l-indispozizzjoni tieghu u mhux ihalli l-klijent tieghu jaghti dik l-informazzjoni.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant David Agius kellu jinghata l-opportunita' li jressaq il-provi tieghu bl-assistenza tal-avukat ta' fiducja tieghu. Fil-fatt il-verbal tas-seduta jghid testwalment "…li ma jixhidx fl-assenza ta' l-Avukat tieghu". Dak li qal l-appellant u gie verbalizzat b'dak il-mod kellu jinduci lill-ewwel Qorti biex tiddiferrixxi l-kawza ghal darba wahda biex l-appellant ikun jista' jigi assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu. Il-gurisprudenza msemmija mill-appellant fir-rikors tieghu hi cara bizzejjed u ma hemm ghalfejn isir ebda referenza ohra.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa l-appell tal-appellant David Agius, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti ghal kontinwazzjoni u decizjoni skont il-ligi. Ma tiehux konjizzjoni tal-appell tal-appellant Nazzareno Cauchi izda thassar u tirrevoka s-sentenza appellata minnu u tqeghdu fl-istess pozizzjoni tal-appellant l-iehor David Agius. Dan qed isir minhabba l-fatt li l-appellanti huma t-tnejn diretturi tas-socjeta' Marsalite Limited u sentenza univoka hi necessarja f'din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------